# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 4/2020 BS**

**FX**

**-vs-**

**RX**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur FX illi ppremetta:**

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata RX fl-erbgha u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991);

2. Illi minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt (2) ulied, jigifieri M li twieldet fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) u J li twieled fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (1998), li t-tnejn laħqu l-maġġior eta';

3. Illi wara d-debita awtorizazzjoni minn din il-Qorti, il-partijiet ipproċedew għas-separazzjoni personali tagħhom permezz ta' kuntratt tat-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutar Dottor J Grech (Dok. A);

4. Illi fost oħrajn, f'dan il-kuntratt il-partijiet ftehmu fil-klowsola erbgha (4) li r-rikorrenti kellu jikkontribwixxi s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) fix-xahar lil martu, pagabbli fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar in linea ta' manteniment;

5. Illi l-qagħda finanzjarja tar-rikorrenti tbiddlet radikalment mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt b'tali mod li l-istess appellanti jinsab finanzjarjament indigenti u jinsab fl-impossibilita' li jħallas manteniment;

6. Illi għalhekk l-esponenti jixtieq li tali rata ta' manteniment tiġi sostanzjalment ridotta, skont il-mezzi prezenti tiegħu;

7. Illi wara li l-esponenti pprezenta ittra bin-numru erbgha u ghoxrin zbarra elfejn u dsatax (24/2019) fejn ghamel talba f'dan is-sens, permezz tad-digriet tat-tletin (30) ta' Jannar elfejn u ghoxrin (2020), din l-istess Qorti ddecidiet li din it-talba tieghu setghet issir biss permezz ta' kawza (Dok. B);

8. Illi għalhekk l-esponenti qed jipprocedi b'din il-kawza odjerna għal dan il-fini.

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tiddikjara li l-mezzi finanzjarji tar-rikorrenti nbiddlu minn meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni tat-tmienja (8) ta' Lulju elfejn u sittax (2016) u kif ukoll li r-rikorrenti jinsab fl-impossibilita' li jhallas ir-rata ta' manteniment stipulata fl-imsemmi kuntratt;

ii. Konsegwentement tordna l-varjazzjoni tal-obbligu da parti tar-rikorrenti li jissomministra lill-intimata r-retta alimentari li huwa tenut li jissoministra ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi;

iii. Tordna li l-varjazzjoni tal-obbligu tar-rikorrenti fir-rigward tar-retta alimentari tibda topera retrospettivament minn tali data li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

L-intimata mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed tigi nġunti.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta RX illi eċċepiet:**

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-erba' u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (1991). Miż-żwieġ tagħhom twieldu żewġ ulied, M u J Xerri, li llum it-tnejn laħqu l-maggior eta';

2. Illi tul iż-żwieġ tal-partijiet, l-attur kellu negozju tal-*mushrooms* operat tramite kumpanniji tal-istess. Fis-snin disgħin in-negozju kien wieħed b'saħħtu iżda fis-snin elfejn, bdew ifeġġu problemi għall-attur u beda izid id-dejn ma' terzi. Madanakollu l-attur dejjem żamm stil ta' ħajja komda;

3. Illi da parti tagħha l-esponenti xtaqet toħroġ taħdem, speċjalment meta rat li fiż-żwieġ bdew ifeġġu numru ta' kwistjonjiet iżda l-attur kien dejjem żamm ferm li ma kienx irid li toħroġ taħdem. Lanqas tgħinu fin-negozju tal-mushrooms ma ridha;

4. Illi l-affarijiet ma kienux sejrin tajjeb fiż-żwieg tal-partijiet u filfatt fost diversi episodji ta' vjolenza fizika, psikoloġika u adulterju da parti tal-attur versu l-intimata, ż-żwieġ tal- partijiet sfaxxa għal kollox fil-bidu tas-sena 2010 meta l-attur telaq mid-dar matrimonjali u halla mill-esponenti tieħu ħsieb l-ulied li dak iż-żmien kien għadhom minuri;

5. Illi wara xhur ta' diskussjonijiet u negozjati dwar proprju l-manteniment dovut lill- esponenti, il-partijiet minn jeddhom iffirmaw ftehim bonarju ta' separazzjoni personali nhar it-8 ta' Lulju, 2016, liema kuntratt ġie ippubblikat min-Nutar J Grech;

6. Illi fir-rigward tal-obbligu ta' manteniment, fil-paragrafu numru erba' il-partijiet ftehmu hekk kif ġej: "*Dwar* l-*obbligu reciproku* ta' *manteniment, ir-Ragel jirrinunzja definittivament u irrevokabbilment mid-dritt illi jitob* u *jirċievi manteniment mingħand il- Mara, filwaqt ili l-partjiet qiegħdin jaqblu* illi *l-manteniment lill-Mara qed jiġi ffissat għal hames mitt Ewro (€500) fix-xahar pagabbli fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar*";

7. Illi bir-rispett kollu dovut lejn l-attur, il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom għax kienu kuntenti jagħmlu dan u fl-ebda mument ma ġie rriservat id-dritt ta' wieħed jew waħda mill-partijiet li jirrevedu l-manteniment, salv għall-għoli tal-ħajja

8. Illi għal fini tal-kawza odjerna, u lil hinn mill-osservazzjonijiet u direzzjoni li jidher li ser jieħu l-attur f'dawn il-proċeduri, l-obbligu tal-manteniment huwa naxxenti mill-ftehim tal-partijiet, li intlaħaq b'mod liberu bejn il-partijiet f' serenita' u bi pjena konoxxenza tal-pożizzjonijiet u ċirkostanzi personali ta' kull parti;

9. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegħ tal-kawza, kuntrarju għal dak allegat minnu fir-rikors odjern u anke fir-rikors *pendente* lite li ġie intavolat riċentement, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-attur ma nbiddlet xejn minn meta l-partijiet iffirmaw il-ftehim ta' separazzjoni. Għal kuntrarju, l-attur rah x'għamel, inqeda mit-tifla tal-partijiet u llum il- ġurnata fetaħ u qed jopera *Bed & Breakfast* ġewwa l-Għarb Għawdex. Illi qalb dan it- taħwid u intriċċi, l-verita' hija FX l-attur jgħix ħajja lussuża ġo fond lussuż mas- sieħba tiegħu, M Barbara u t-tifel tagħha u l-istess fond jservi wkoll bħala *bed & breakfast*. Dan l-iżvilupp sar wara li l-partijiet isseparaw fis-sena 2016. Tiskanta 1- esponenti kif imsallab bid-dejn tan-negozju, r-rikorrenti irnexxielu jibni u jirristruttura l- fond imsemmi;

10. Illi l-esponenti hi mara ta' 53 sena li qatt ma tħalliet taħdem mill-attur għaliex skont hu - xogħolha kien fid-dar. Di fatti, dejjem kienet mara tad-dar u ħadet ħsieb liż-żewġ ulied tal- partijiet, M Xerri u J Xerri, it-tnejn illum maġġorenni. Čertament ma tistax tgħaddi mingħajr manteniment. Tant hi delikata s-sitwazzjoni tal-esponenti, illi lanqas pensjoni ma għandha in vista tal-fatt li ma thallitx taħdem;

11. In vista tas-suespost, jkun impossibbli ghall-esponenti illi tghix f'kaz illi l-attur jieqaf iħallas il-manteniment dovut lilha u għalhekk għandu jingħad li l-mantiment li qed jigi provdut mil-attur huwa essenzjali biex l- esponenti konvenuta tkun tista' tghix b'mod dicenti u tlahhaq mal-ispejjez tagħha;

12. Illi ma jezisti l-ebda tibdil fiċ-ċirkostanzi mis-sena elfejn u sittax (2016) li timmerita li jkun hemm xi tip ta' revizjoni jew waqfien fil-manteniment li aċċettat tircievi l-intimata;

Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghanda tichad it-talbiet tar-rikors promutur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Fliet l-atti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta April, 2021 fejn l-attur iddikjara li ma għandux aktar provi xi jressaq għajr li jiġi kkonfermat bil-ġurament ir-rapport ta′ l-accountant.[1]

Rat li għalkemm fis-seduta tas-26 ta′ Jannar, 2022 il-konvenuta ddikjarat illi ser tippreżenta l-affidavit tagħha fil-mori tad-differiment li jmiss, hija naqset li tagħmel dan.[2]

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta′ Ottubru, 2022 fejn il-konvenuta iddikjarat li għalqet il-provi kollha tagħha.[3]

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta′ Diċembru, 2022 fejn il-partijiet ġew akkordati żmien sabiex jippreżentaw in-noti ta′ sottomissjonijiet tagħhom u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

Fliet in-noti ta′ sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat.**

---

[1] A fol 236 tal-process
[2] A fol 263 tal-process
[3] A fol 373 tal-process

**Preliminari**

Permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob il-Qorti biex il-kuntratt ta' separazzjoni li ġie ffirmat minnu u l-konvenuta fit-8 ta' Lulju, 2016 jiġi emendat fis-sens illi l-ammont ta' manteniment previst fl-istess kuntratt ammonatanti għal € 500 jiġi mibdul b'ammont anqas billi l-mezzi finanzjarji tiegħu nbidlu minn meta huwa ffirma dak il-kuntratt.

Il-konvenut minn naħa tagħha topponi it-talbiet ta' l-attur u tgħid li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda billi l-kuntratt li ġie ffirmat għandu jiġi osservat. Tgħid ukoll li ma hux minnu li l-mezzi finanjarji ta' l-attur inbidlu. Tgħid li l-attur anke inqeda bit-tifla tagħhom biex jakkwista propjeta sabiex ma jidhirx hu. Tinsisti wkoll li l-attur qatt ma ħallieha taħdem u llum hija ma għandhiex mezz ieħor kif tmantni ruħha.

**Xhieda**

Fl-affidavit,[4] **M Barbara**, tgħid issieħbet mal-attur fl-2017. Kienet taf li l-attur kien f'diffikultajiet finanzjarji kbar u ippruvajt tgħinu billi silfitu flus. Biegħet il-van bil-permess tal-ġarr tal-passiġġieri (€ 69,000) u anke appartament li kellha f'Marsaxlokk b'kuntratt tal-14 ta' Settembru 2018 fl-atti tan-nutar Mark Cutajar.

Skond hi b'dawn il-flus l-attur ħallas € 500 bħala manteniment lill-eks martu kif ukoll lill-bank, ħlas pendenti mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, sabiex jirristrutturaw u jirranġa l-post f'5, Triq l-Għarb, Għarb, li rranġa sabiex joperah bħala *bed&breakfast* kif ukoll sabiex iħallas dejn ieħor tan-negozju.

Tkompli tgħid li hija diġà kienet silfitu € 500,000 sa Marzu 2019 u ma kellix aktar x'issellfu. Talbet lill-attur sabiex jiddikjaraw dan is-self fi skrittura. (MB2)[5]

Tissokkta li hija kienet tgħin lill-attur mingħajr ħlas fil-bidu li beda jopera l-*bed&breakfast*. Ix-xogħol kollu konness man-negozju kienu jagħmluh hi

[4] A fol.122.
[5] A fol.143.

u l-attur. Illum hija qed tieħu biss il-paga minima minkejja li hija reġistrata li taħdem miegħu f'dan in-negozju.

**L-attur FX** jgħid,[6] li l-bżonnijiet finanzjarji huma kbar minħabba li x-xogħol żdied mis-snin 90 and snin 2000. Fid-90 in-negozju kien żgħir għax kien għadu jibda u fis-snin 2000 in-negozju kiber. Aktar ma kiber in-negozju aktar kellu bżonn finanzi sabiex isostnih.

Jispjega li n-negozju rdoppja u aktar bejn 1995 u 2010 sa 60% tas-suq Malti. Fl-2010 sar investiment b'konsulenza li ma tantx għenitu u baqa' sejjer hekk sas-snin 2016/2017. Għamel ftehim ma' kumpanija oħra biex jibdel il-post minn fejn jopera u għal raġunijiet ta' ftehim li għamel mal-CADACO. Għamel konvenju mal-MIP sabiex jakkwista stabbiliment ġdid.

Jgħid ukoll li kellu s-self approvat mill-BOV, iżda n-negozju ma seħħx għax il-CADACO ma kellhiex interess jew kellha xi problemi li ma setgħetx issolvi. Dak iż-żmien kellu l-età ta' 52/53 u ddeċieda li jwaqqaf dan il-proġett u jibda xi ħaġa ġdida.

Jgħid li l-konvenuta kienet tmur tgħinu fin-negozju tal-faqqiegħ minn żmien għal żmien, iżda kull darba li kienet tmur l-attur kien jkollu l-inkwiet mal-ħaddiema. Kien jippreferi li hi ma taħdimx fin-negozju u x-xogħol jagħmlu hu madankollu huwa qatt ma żammha milli jkollha xogħol ieħor.

Jispjega li llum huwa u s-sieħba tiegħu flimkien mat-tifel tagħha ta' 7 snin, jgħixu ġo kamra formanti parti min-negozju tal-B&B. Il-post li qed jgħix mhuwiex lussuż daqslikieku qed jgħix ġo dar bħalma tgħix il-konvenuta u fejn tgħix is-sieħba tiegħu għax din għandha post tagħha. Il-B&B tiġi sostnuta bix-xogħol li jagħmlu l-attur u s-sieħba tiegħu u mhux bil-ħaddiema għax ħaddiema m'għandhomx. Huwa xogħol li jitlob ħafna mpenn. Ix-xogħol jikkonsisti f'kollox inkluż il-manteniment tal-post. Il-post fih tmint ikmamar. Waħda minnhom jgħixu ġo fiha nkluż it-tifel.

**Inkontro-eżami**,[7] l-attur jgħid li mal-MIP ma kellux problemi iżda mal-CADALCO. Ma jiftakarx meta għamel il-proċeduri ta' separazzjoni minn

[6] A fol.159.
[7] A fol.254.

ma' martu. Qabel is-sena 2017 l-attur ma kellux problemi kbar li jolqtu n-negozju. Huwa ma jaqbilx mas-suġġeriment li f'dan iż-żmien kien diġà f'sitwazzjoni finanzjarja meta ftihem ma' martu dwar il-manteniment. Jinsisti li kull negozju għandu t-tlajja u nżul. Il-problema kienet meta falla l-ftehim mal-CADACO f'2017. L-attur ma jeskludix li ftehim dwar dan il-manteniment ma' martu f'dan iż-żmien għax in-negozju daqqa tajjeb u daqqa ħażin.

Meta l-attur kien qed jinnegozja l-manteniment lil martu, huwa kien għadu fin-negozju u kien fin-negozjati mal-CADACO, mal-MIP u mal-Malta Enterprize. Kien wasal sabiex jirranġa u jirrisolvi l-problemi li kellu tal-postijiet li minnhom kien jopera n-negozju. Iżda l-ftehim mal-CADACO falla u falla n-negozju tal-attur. Dan seħħ fi ftit ġimgħat.

Jisħaq li huwa ma ħallasx VAT għax kien jipproduċi prodott agrikolu. Lanqas problemi ta' taxxi m'għandu. Jgħid ukoll li llum għandu negozju li huwa minimu għan-negozju li kellu qabel. Il-B&B ilha topera madwar sentejn.

L-accountant, **John Zammit**,[8] prodott mill-attur jikkonferma l-kontenut tar-rapport tiegħu a fol.173.

**Inkontro-eżami**,[9] jgħid li ilu jsegwi l-kumpaniji tal-attur madwar għaxar snin. Għażel li juża l-kumpaniji tiegħu għax in-negozju prinċipali huwa t-tkabbir tal-faqqiegħ. Dan in-negozju kien imexxi l-kumpaniji l-oħrajn.

Jispjega li fis-sena 2013 bdew jitfaċċaw il-problemi għan-negozju tal-attur. Jg]id ukoll li fin-negozju hemm żewġ lati: lat finanzjarju, tmexxija tal-flus, u lat tekniku jekk il-kumpanija hix taħdem bi żviluppi tekniċi avanzat jew le. Jg]id li l-problemi tal-attur kienu mill-lat tekniku li eventwalment kisser lat finanzjarju.

Jtenni li l-attur irnexxielu javanza maljar għas-sempliċi raġuni li dan ma kienx iraqqa u jġib makkinarju diġà użat. L-attur jara l-affarijiet tekniċi, iġib l-aħjar makkinarju u beda sejjer tajjeb tant li l-kompetituri ma setgħux ilaħħqu miegħu. Skond dan ix-xhud l-attur kien sar kważi l-

[8] A fol.237.
[9] A fol.238.

aqwa produttur tal-faqqiegħ f'Malta. Iżda mis-sena 2014 'il quddiem bdew jinqalawlu problemi tekniċi. Kien jipproduċi l-faqqiegħ kemm f'Għawdex u kemm f'Malta. L-attur kien jiddependi aktar fuq il-produzzjoni minn Għawdex milli minn Malta peress li l-istruttura tal-fabbrika f'Malta kienet wisq ġo xulxin u għalhekk f'każ ta' mard fil-faqqiegħ kien jaħraqlu kważi kollox.

Il-fabbrika ta' Malta kienet mikrija u bdiet taqa' biċċiet. Dan wassal lill-attur li ż-żewġ punti tekniċi fallew. L-attur ipprova jieħu fabbrika mingħand il-Malta Enterprize.

Jispjega li l-analiżi tar-rapport jolqot l-andament bħala *turn-over*. Jekk il-kera kinitx titħallas dik ħaġ'oħra. Jgħid li wieħed jista' jkollu flus biżżejjed għax ikollu *overheads* kbar u ma jkollux biex iħallas il-kera.

Jgħid ukoll li kien hemm sitwazzjoni meta l-affarijiet tekniċi u finanazjarji ġew riżolti b'self mill-bank wara li l-Malta Enterprize ħarġet *letter of intent*. Ladarba l-problemi ġew riżolti, ir-raġunar kien li l-istil ta' ħajja tal-individwu ħa jibqa' l-istess bħalma kien qabel. Dan ingħad ukoll għall-istil ta' ħajja tal-mara tal-attur.

Jispjega li huwa ma kienx involut b'xi mod fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet u lanqas ma ntalab li jagħti parir mill-attur.

Jg]id ukoll li huwa kien staqsa lill-attur għaliex kien għamel ftehim daqshekk tajjeb mal-mara meta kien jaf li kellu problemi tekniċi, ħaġa li ma tagħmilx sens. L-attur kien qallu li wasal għal dan il-ftehim mal-mara għax serraħ rasu fuq is-self tal-bank u l-*letter of intent* tal-Malta Enterprize. Għalhekk ippreżuma li l-istil ta' ħajja ser jibqa' l-istess għax in-negozju kien ser jerġa' jaqbad l-art.

Ix-xhud ma daħalx fl-affarijiet personali tal-attur meta mistoqsi dwar il-bejgħ il-post ta' H'Attard sabiex jagħmel tajjeb għad-djun personali li kellu qabel is-sena 2015. Ix-xhud ippreżuma li inkwantu xi djun personali dan kien ikun meqjus mill-bank qabel ma ħarġulu s-*sanction letter* għax kieku kienu jwaqqfulu s-self billi fil-fehma tiegħu l-bank jieħu fil-qies kemm il-finanzi personali u kemm tal-kumpaniji li seta' kellu l-bniedem.

Jtenni li fis-sena 2017 l-ftehim mal-kumpanija li kien hemm ma rnexxiex għax dik il-persuna li kien qed jaħdem sabiex suppost iġġibha i*nline*, ma

wasal qatt u infatti fl-aħħar spiċċaw ħaduhielu bir-riżultat li s-*sanction letter* tal-bank ġiet irtirata u l-*letter of intent* mill-Malta Enterprize spiċċat. Jgħid li għalhekk l-attur għalaq in-negozju tal-faqqiegħ kompletament.

Jispjega li fis-sena 2016 kien hemm operat żgħir tal-kumpaniji iżda bdew inaqqsu b'paragun mal-livell tad-dħul tal-2009. Fl-2017 in-negozju kkrolla f'salt.

**In ri-eżami**,[10] jtenni li fl-2016 l-attur kellu l-intenzjoni li jkompli l-istess livell ta' operat li kellu qabel jew inkella aħjar. Kien hemm xi spazju li 'l quddiem seta' jieħu u jkabbar il-produzzjoni.

**Josef Schembri**,[11] in rappreżentanza ta' Transport Malta, jgħid li għandu lista tal-vetturi li kellu u li għad għandu l-attur fuq ismu. Fuq ismu għandu tliet vetturi.

**Inkontro-eżami**,[12] x-xhud jgħid li mid-*data* mal-Awtorità hemm żewġ vetturi li huma ggaraxxajati u għadhom jagħjtu lilu. Dawn huma tal-marka Daihatsu Cuore CAG 703 tal-1987 u ggaraxxjata fl-2009 u Ford Transit AAA 898 tal-1991 u ggaraxxajata fl-2006. Jispjega li għadhom m'humiex skreppjati u għalhekk għal Transport Malta dawn għadhom għandu. Jispjega li jekk ikunu skreppjati suppost il-klijent javża lil Transport Malta, iġib iċ-ċertifikat tal-i*scrapyard* u l-Awtorità taqtgħu mis-sistema.

**John Bonnici**,[13] in rappreżentanza tal-Malta Tourisim Authority, jgħid li l-attur għand liċenzja ta' *host family* li nħarġet fid-19 ta' Frar 2019. Mal-istess Awtorità l-attur għandu applikazzjoni pendenti għal *guest house* li ġiet sottomessa fl-4 ta' Marzu 2020, iżda l-Awtorità irrifjutat l-applikazzjoni għax hemm diskrepanzi fil-permess tal-MEPA. L-indirizz huwa Ta' Pinu Bed & Breakfast, 5, Triq l-Għarb, Għarb.

[10] A fol.248.
[11] A fol.351 (v.2)
[12] A fol.377 (v.2)
[13] A fol.353 (v.2)

**Inkontro-eżami**,[14] x-xhud jgħid li B&B ta' 5, Triq l-Għarb, Għarb, mhix l-istess bħal dik li jisimha Ta' Pinu. Waħda jisimha Ta' Indrija u l-oħra bla isem iżda l-istess numru tal-bieb u l-istess triq. Ma jistax jgħid għax mhux hu għamel l-ispezzjoni.

**John Camilleri**,[15] in rappreżentanza tal-Bank Lombard; Marie Said,[16] in rappreżentanza tal-Bank BNF; Rosalie Hili,[17] in rappreżentanza tal-Bank HSBC jgħidu li ma jirriżulta ebda kontijiet mal-attur.

**Mark Farrugia**,[18] in rappreżentanza ta' Identity Malta, jippreżenta riċerki ta' bejgħ u xiri li għamel l-attur mill-2010 sal-lum. Ġew immarkat bħala FM1.

**Miriam Azzopardi**,[19] in rappreżentanza ta' Malta Stock Exchange, tgħid li f'isem l-attur hemm kont miftuħ. Illum m'hemmx bilanċi. Ix-xhud tippreżenta *transaction history* u *payment history* ta' dawn l-aħħar għaxar snin. MA1.

**Oliver Grech**,[20] in rappreżentanza tal-Bank APS, jippreżenta statements ta' kontijiet: wieħed f'isem l-attur li huwa magħluq; ieħor f'isem il-partijiet flimkien li huwa magħluq ukoll. Hemm statement ieħor tal-attur f'isem terzi ma' Marisa Barbara li huwa magħluq. Mal-istess Barbara, l-attur għandu konti ieħor li għadu attiv.

**Ikkunsidrat**

---

[14] A fol.354 (v.2)
[15] A fol.356 (v.2)
[16] A fol.357 (v.2)
[17] A fol.363 (v.2)
[18] A fol.359 (v.2)
[19] A fol.361 (v.2)
[20] A fol.367.

Mill-atti jirriżulta li l-partijiet fil-kawża żżewgu fl-24 ta' Novembru, 1991. Minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. Iż-żwieġ pero tkisser u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar it-8 ta Lulju, 2016. F'dan il-kuntratt sewwasew fi klawsola 4 il-partijiet qablu li l-attur jgħaddi lill-konvenuta is-somma ta' € 500 fix-xahar bħala manteniment.

Illum, permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob varjazzjoni ta' l-ammont illi huwa kien intrabat iħallas lill-konvenuta billi skond hu l-mezzi finanzjarji tiegħu inbidlu billi marru għal agħar u għalhekk ma għandux fil-possibilita li jgħaddi dak l-ammont miftiehem lill-konvenuta.

F'materja bħal dik li għandha quddiemha llum din il-Qorti jiġifieri fejn ikun hemm talba għal tibdil fi klawsoli kuntrattwali l-punt tat-tluq huwa mill-prinċipju illi kuntratt iffirmat mill-partijiet huwa liġi bejntiehom u għalhekk *pacta sunt servanda*. Dan il-prinċipju huwa inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li :

**"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.**

**(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".**

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali. Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi rizolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teziġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess. Infatti gie ribadit illi "*Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359). F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova*

*testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001) intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata – pacta sunt servanda"*[21]

Pero għal kull regola hemm l-eċċezzjonijiet u fil-każ ta' kuntratt, tibdil f'dak mifthiem bejn il-partijiet, jista jseħħ biss jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi seħħew ċirkustanzi li jmorru lil hinn mill-volonta u l-kontroll tal-parti li tkun qed titlob il-varjazzjoni liema ċirkostanzi jkunu qed ixekklu lil dik il-parti milli tonora l-obbligazzjoni minnha assunta. Tant hu hekk illi ġie infatti deċiż illi *"Huwa minnu li l-ligi civili taghna ma toqghodx tiddistingwi bejn manteniment impost jew ordnat mill-Qorti minn iehor pattwit bejn il-konjugi nfushom ghall-fini ta' varjazzjoni. Imma l-appellant messu jaf ukoll li fejn si tratta ta' ftehim per via ta' kuntratt ghandu wkoll jghodd fermament il-principju ta' pacta sunt servanda. Il-Qrati taghna, minkejja li fil-bidu jirrizulta li addottaw posizzjoni rigida, anzi wahda inflessibbli, meta gew rinfaccjati b'talbiet ghal revizjoni u/jew varjazzjoni ta' retti alimentari li jkunu gew miftehma bejn il-konjugi stess, mal-milja taz-zmien hassew in-necessita` li fl-interess ta' l-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet, kellhom jikkoncedu illi taht certi cirkostanzi li gew ikkwalifikati bhala ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` ta' l-attur li gabuh fl-impossibilita` li jhallas r-retta alimentari, allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, din il-linja flessibbli fil-kazi propizji hija wahda ferm gusta mill-posizzjoni addottata qabel. Effettivament, din il-Qorti jidhrilha wkoll li hemm, u mhux ma hemmx, differenza bejn manteniment ordnat mill-Qorti "ope legis" minn iehor miftiehem volontarjament mill-konjugi stess. Fit-tieni kaz, wiehed ghandu jipprezumi li trattandosi hawn ta' ftehim ta' separazzjoni bonarja u*

[21] John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri, Appell, deciza fl-24 ta April, 2015.

*mhux ko-atta jew forzata, li l-partijiet ftehmu fl-ahjar interess taghhom it-tnejn."* [22]

Dan ifisser għalhekk li meta si tratta ta' kuntratt ta' seprazzjoni u *dunque*, ftehim *ex contractu*, it-talba għal varjazzjoni tista tiġi akkordata biss jekk min jitlob tali varjazzjoni jirnexxielu juri għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li huwa safa fl-impossibilita', u mhux sempliċiment diffikulta', li jkompli jħallas l-ammont maqbul bejn il-partijiet. Infatti l-Qorti ta' l-Appell[23] spejgat li *"F'dik is-sentenza (b'referenza għas-sentenza Alfred Grech vs Pauline Grech), din il-Qorti wara li kkunsidrat il-gurisprudenza anterjuri, fosthom is-sentenza fl-ismijiet Mary Vella v. Mario Vella, ikkonkludiet li, filwaqt li l-principju pacta sunt servanda ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta` tal-parti li gabuha fl-impossibbilita` li tkompli tezegwixxi l-obbligu tal-hlas ta' manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha l-fakolta` li tirrevedi dan l-obbligu. Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet". Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja tal-kuntratti, ghandu japplika wkoll, bhala deroga mill-istess, il-principju ad impossibilia nemo tenetur, li jifforma r-ratio legis tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt"*

Dan jfisser illi l-eżerċizzju li jeħtieġ illi tagħmel il-Qorti meta jkollha talba bħal dik li għandha quddiemha llum, għandu jinqasam fi tnejn u ċjoe' fl-ewwel lok għandha tevalwa jekk r-reviżjoni mitluba tkunx ġiet ikkontemplata mill-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni. Jekk dan l-eżerċizzju jirriżulta fin-negattiv allura jkun imiss lil Qorti biex tgħaddi għall-eżami tal-pożizzjoni legali fir-rigward tat-talbiet għal varjazzjoni ta' manteniment pattwit f'kuntratt fil-parametri tal-prinċipji legali ġia msemmija jiġifieria l-*pacta sunt servanda*, bid-deroga *ad impossibilia nemo tenetur*.

[22] Alfred Grech vs Pauline Grech, Appell, deciza fis-6 ta April, 2004

[23] Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg, Appell, deciza 30 ta Novembru, 2012

Dan ifisser illi jmiss issa li din il-Qorti tgħarbel il-kuntratt ta' separazzjonji ffirmat mill-partijiet sabiex tiddeċiedi jekk fil-kuntratt il-partijiet ipprevedewx ċirkostanzi li jippermettu li l-manteniment jiġi varjat. Mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jirriżulta li Klawsola 9 tipprovdi li l-partijiet qed jaqblu li *"l-kundizzjonijiet ta dan l-att jibqghu invarjati u inalterati..."* Din il-klawsola ma tippremetti l-ebda varjazzjoni fl-ammont imħallas qua manteniment. Dan ifisser illi l-intenzjoni tal-partijiet kienet waħda ċara u ċioe li l-attur jibqa jħallas lill-konvenuta l-ammont ta' € 500 kull xahar bħala manteniment fi kwalisiasi eventwalita. Għalhekk huwa ċar li ma hemmx qbil bejn il-partijiet għar-riduzzjoni tal-manteniment, u billi lanqas il-kuntratt ta' separazzjoni ma jipprevedi ċirkustanzi li jiġġustifikaw ir-riduzzjoni imiss għalhekk li l-Qorti tgħarbel  il-provi u tapplika l-prinċipji ġia msemmija.

Dan ifisser li l-pass li jmiss huwa li l-Qorti tinvestiga jekk it-tibdil fiċ-ċirkostanzi li l-attur jallega li seħħew humiex tali li jwassluh għall-impossibilita' u mhux sempliċiment diffikulta', li jħallas il-manteniment lil martu skont il-kuntratt datat 8 ta' Lulju, 2016.

Għaldaqstant il-Qorti fliet bir-reqqa d-dokumenti u rendikonti ta' taxxa u rendikonti bankarji esebiti mill-attur.  Tibda biex tosserva illi l-ipoteki fuq is-self ta' € 650,000 u € 400,000 saru fiż-żmien meta l-attur kien għadu miżżewweġ lill-konvenuta [24].  Mir-rendikonti tat-taxxa esebiti[25] jirriżulta li l-attur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetajiet Gozitan Delights Limited, Casa Funghi Limited u Island Mushroom Growers Limited kellu jħallas taxxa b'lura sa mill-2004. Il-Qorti tosserva li l-maġġior parti tat-taxxa mhux imħallsa kienet għas-snin preċedenti għal kuntratt ta' separazzjoni billi tali taxxa kienet għas-snin 2004 sa 2017 mentri l-attur iffirma l-kuntratt ta' separazzjonji mall-konvenuta fit-8 ta' Lulju, 2016. Dan ifisser għalhekk li meta l-attur resaq għal kuntratt ta' separazzjoni huwa kien ben konxju illi kellu flus xi jħallas bħala taxxa.

Barra minn hekk mid-dokumenti esebiti mar-rapport tal-*accountant* John Zammit, preċizament id-dokumenti li juru x'*turn over* kellhom il-

[24] A fol 52u fol 53 tal-process
[25] A fol 109 sa fol 111 tal-process

kumpaniji ġia msemmija li tagħhom kien direttur l-attur[26], juru li d-dħul mill-attivita kummerċjali ġestita mill-attur kien b'saħħtu. Tosserva wkoll li l-ammonti dikjarati fid-dokumenti msemmija huma bbażati fuq ammonti dikjarati fuq ir-*returns* tal-VAT[27], u għalkemm skond l-istess *accountant* in-negozju ta' l-attur beda jiffaċċja problemi wara l-2013 madankollu minn qari tad-dokumenti msemmija jirriżulta li d-dħul tal-attur ma kienx wieħed li jpoġġih f'impossibilita li jħallas il-manteniment kif pattwit.

Rat ukoll li fis-16 ta' Settembru, 2016 inħarġet *sanction letter* mill-Bank of Valletta[28]. Jirriżulta, l-attur kien f'negozjati sabiex jakkwista kumpanija – Ka.Da.Co Limited - ħalli jkun jista jkabbar l-operat tiegħu[29]. L-attur jargumenta li dak inhar in-negozju kien sejjer tajjeb iżda mbgħad billi n-negozju ma Ka.Da.Co falla in-negozju tiegħu sfaxxa wkoll.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi bħala persuna fin-negozju l-attur ma jistax jargumenta li l-ġrajjiet li seħħew u li kienu jirrigwardaw in-negozju tat-tkabbir tal-faqqiegħ huwa ma kellu l-ebda ħjiel tagħhom. Dan qed jingħad billi fl-ewwel lok meta kienu għaddejja t-trattattivi għat-tkabbir tan-negozju l-attur ssepara u allura meta resaq għal kuntratt ta' separazzjoni huwa kien jaf x'kienet is-sitwazzjoni tan-negozju tiegħu. Il-Qorti hija tal-fehma illi kien jinkombi fuq l-attur li kwalisiasi pass illi kien ser jagħmel għat-tkabbir fin-negozju jagħmlu tali li ma jimminax l-obbligu kuntrattwali li daħal għalih. Tqis ukoll li l-argument illi l-problemi bdew ifeġġu fl-2013 lanqas ma huwa ġustifikat billi l-kuntratt ta' separazzjoni ġie ffirmat fl-2016 u allura l-attur kien ben konsapevoli ta x'inhuma l-fatti meta ffirma l-kuntratt. L-attur kellu d-dmir u l-obbligu illi jmexxi in-negozju tiegħu u fl-istess waqt jonora l-obbligi assunti minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tosserva li ċ-ċirkostanzi li l-attur jgħid li wassluh għal inkapaċita li jħallas l-ammont pattwit ma humiex ċirkostanzi li ma setgħux jiġu previsti aktar u aktar minn persuna li għexet fin-negozju. Tqis li dawn iċ-ċirkostanzi seħħew wara deċiżjonijiet li ħa l-attur u għalhekk ma kienux riżultat ta' xi fatturi barra mill-kontroll tiegħu bħal pereżempju problemi ta' saħħa.

---

[26] A fol 179 sa fol 183

[27] minkejja li l-attur fil-kontro ezami tieghu sahaq illi huwa ma jhallasx VAT ghax il-prodott tieghu huwa wiehed agrikolu – fol 260 tal-process

[28] A fol 215 tal-process

[29] A fol 173 tal-process

Rigward l-argument illi l-attur kellu jiddejjen € 500,000 minn għand is-sieħba tiegħu M Barbara, l-Qorti tqis li lanqas dan l-argument ma hu wieħed validu billi mill-atti il-kuntratt ta' kostituzzjoni u rikonoxximent ta' dejn iffirmat bejn l-attur u s-sieħba tiegħu sar fl-14 ta' Marzu, 2019. Għal darb'oħra l-Qorti ttenni illi ir-responsabbilita hija fuq l-attur illi kwalsiasi deċiżjoni li għandha effett fuq l-istat tal-finanzi tiegħu għandu jeħodha bil-konsapevolezza illi huwa għandu obbligu li jħallas il-manteniment hekk kif maqbul bejnu u bejn il-konvenuta fl-2016.

Barra minn hekk jirriżulta li llum il-ġurnata l-attur għandu negozju ta' *Bed and Breakfast*[30]. Huwa jisħaq illi dan in-negozju ma jirrendix daqs dak li kellu qabel tat-tkabbir tal-faqqiegħ. Il-Qorti pero tqis li dan l-argument ma hux ta' siwi u dana għar-raġuni ġia msemmija u ċioe li kull deċiżjoni li jieħu l-attur għandha tkun fid-dawl li huwa obbligat jħallas il-manteniment fl-ammont ta' € 500. Jaqlax aktar jew anqas minn qabel ma hux biżżejjed biex jissodisfa l-element ta' impossibilita. Il-fatt hu li llum l-attur għandu mezz ta' kif jaqla l-flus b'negozju ieħor u għalhekk ma hemmx l-impossibilita li jħallas il-manteniment fl-ammont ta' € 500.

Dan apparti l-fatt li mir-rendikonti ta' flus miżmuma f'banek lokali jirriżulta li l-attur għandu flus imfaddla. Il-Qorti ma tistax ma tosservax li mir-rendikonti esebit mir-rappreżentant tal-Bank of Valletta jirriżulta b'mod ċar illi kien hemm ċaqlieq sistematiku u grawdali fil-kontijiet tal-kumpaniji li tagħhom l-attur kien direttur, b'tali mod li l-ammont iddepożitat fil-Bank taħt isem l-attur tnaqqas progessivament u llum il-flus jidhru imfaddlin f'kont konġunt miżmum minnu u mis-sieħba tiegħu mall-Bank APS.

Tenut ferm dan kollu l-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxilux jipprova l-impossibilita' tiegħu li jkompli jonora l-ftehim li daħal għalih lura fl-2016. Il-Qorti hija moralment konvinta li ma huwiex minnu li l-attur ma jinsabx f'pożizzjoni finanazjarja li jista' jonora l-obbligu ta' ħlas ta' manteniment, minkejja t-tentattivi tiegħu biex joħloq xenarju li ma għandux mezzi suffiċjenti sabiex iħallas il-manteniment lil martu.

[30] A fol 261 tal-process

Fid-dawl tas-suespost, u b'applikazzjoni tal-*pacta sunt servanda* u d-deroga minnha stess tal-prinċipju *ad impossibilia nemo tenetur*, il-Qorti hija konvinta li l-attur la jinsab fid-diffikulta' u wisq anqas fl-impossibilita' li jibqa' jħallas il-manteniment lil martu.

Għaldaqstant il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi ma jeżistux raġunijiet validi sabiex il-manteniment kif pattwit bejn il-partijiet jiġi mnaqqas, bil-konsegwenza li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet jiġi varjat f'dan is-sens.

**Deċide**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għal motivi ġia espressi, l-Qorti qed taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-attur.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur